MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2003

Numru. 274/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
- vs -

**GRACE FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **GRACE FARRUGIA** bint Paul Attard u Mary nee Farrugia residenti 22, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex giet imressqha quddiemha akkuzata talli nhar is-sitta u ghoxrin ta’ Mejju, 2003 ghal habta tat-tmeinja u nofs ta’ filghaxija fi triq San Gakbu, Nadur;

1. Verbalment insulentat lil Joseph Xuereb minn Nadur sabiex tingurjah, idejjqu jew taghmillu hsara;
2. U aktar talli nhar l-erbgha u ghoxrin ta’ Mejju, 2003 ghal habta tas-saghtejn u t-tlieta ta’ wara nofsinhar fi Triq San Gakbu, Nadur, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’

hsieb xhedet ilma fuq il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni TFH 407 proprjeta` ta' Joseph Xuereb minn Nadur.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 339 (1) (e), 252 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil PS 1424, PC 877, Michael Xuereb, Joseph Xuereb u l-istess imputata jixhdu fis-seduta tas-sebgha ta' Awissu, 2003. Illi mill-provi prodotti l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvati bl-ahjar mod u cioe` sal-grad rikjest mill-ligi.

**Il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputata GRACE FARRUGIA hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tilliberha minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------